Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 58/12 AE

**Audioguides Malta Limited**

**vs**

**Heritage Malta**

18 ta' Mejju, 2016.

Bi ftehim datat 15 t'Ottubru 2004 is-soċjeta` Audioguides Malta Limited kellha tipprovdi lil Heritage Malta *various services related to audio presentation* fis-sit hemm identifikat. Permezz ta' ftehim ieħor datat 16 ta' Marzu 2005 is-servizzi ġew estiżi għal St. Paul's Catacombs fir-Rabat. Fit-tieni ftehim ġie stipulat li b'effett mis-16.03.2005, *the audio guide service is being provided to individual visitors to the Site, and consequently the fee as detailed in categories (a)(b),(c) and (d) of Clause 9.1 of the Contract* (ċjoe` l-ewwel ftehim) *shall be payable to the service provider from this date.* Kull kwistjoni li tinqala' minn dawn iż-żewġ skritturi kellha tiġi riferita għall-arbitraġġ.

Audioguides Malta Limited ħarrket lil Heritage Malta quddiem Bord tal-Arbitraġġ u talbet:

1. €15,684.19 għall-forniment ta' servizzi ta' *audioguide.*

2. lista tal-vizitaturi fis-sit.

3. ħlas skont l-istatistika rikjesta f'talba (2).

4. danni kkawżati bit-terminazzjoni tal-ftehim.

Heritage Malta iddefendiet ruħha billi ddikjarat li:-

1. m'għandha tagħti xejn lir-rikorrenti.

2. hija r-rikorrenti li għandha tagħti lill-intimata minħabba *overcharging*.

3. ir-rikorrenti kisret il-ftehim permezz tal-*overcharging* u r-rifjut li tipprovdi servizzi bla ma titħallas mhux skont kif miftiehem.

4. l-eċċipjenti obbligata biss tforni n-numru ta' viżitaturi.

5. l-eċċipjenti aġixxiet fl-ambitu tal-jeddijiet tagħha u għalhekk mhix passibbli għad-danni.

6. ir-rikorrenti kkawżat danni lir-rikorrenti billi (i)rrifjutat li tagħti servizzi u (ii) tterminat il-kuntratt prematurament.

7. l-eċċipjenti rriżervat li titlob lura ħlasijiet mhux dovuti.

Fil-proċeduri ta' arbitraġġ il-kwistjoni ewlenija kienet li filwaqt li s-soċjeta` rikorrenti ssostni li dan il-ftehim jikkontempla ħlas mill-intimata a bażi tat-*total number of visitors to the site*, filwaqt li l-intimata ssostni li l-ħlas kellu jkun dovut a bażi tal-prinċipju *pay per use.*

Permezz ta' lodo tal-Arbitri tas-26 ta' Novembru 2012 u nnotifikat lill-partijiet fit-3 ta' Diċembru 2012, it-Tribunal tal-Arbitraġġ laqa' l-ewwel u t-tieni talba filwaqt li astjena milli jikkunsidra t-tielet talba.

Heritage Malta appellat u lmentat li:-

1. It-Tribunal fl-interpretazzjoni tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali tal-partijiet kellu japplika r-regola *contra proferentem* bl-artikolu 1009 tal-Kodiċi Ċivili u dan stante li t-Tribunal kien iddeċieda li l-klawżola rilevanti kienet tagħti lok għal dubju.

2. bla preġudizzju għall-ewwel raġuni, il-klawżoli in kwistjoni kienu ċari u ma kienu jagħtu lok għal ebda interpretazzjoni li wasal għaliha t-Tribunal.

3. L-arbitri taw piż żejjed lill-fatt li kienu saru ħlasijiet mhux skont il-ftehim.

Audioguides Malta Limited fir-risposta tal-appell tagħha wieġbet li:

1. l-appell hu null peress li (i) ġie ppreżentat *fuori termine* u (ii) l-appellanti ma nnotifikatx lit-Tribunal bl-appell u għalhekk il-lodo ġie rreġistrat definittivament maċ-Ċentru u b'hekk issa jikkostitwixxi titolu eżekuttiv li ma jistax jiġi mpunjat għax sar konklusiv u vinkolanti.

2. l-aggravju tal-appellanti hu mingħajr bażi u fi kwalunkwe każ ma jikkostitwixxix punt ta' liġi li minnu jista' jsir appell.

## **Konsiderazzjoni**.

Skont l-Artikolu 70B tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap 387):-

*"Bla ħsara għal dak li hemm speċifikament provdut fl-artikolu 6 tat-Taqsima B tar-Raba' Skeda, appell għandu jsir fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tiġi riċevuta d-deċiżjoni finali….."*[1]

Skond l-Artikolu 6 tat-Taqsima B tar-Raba' Skeda:

*"Id-deċiżjoni għandha titqies li tkun ġiet riċevuta mill-partijiet fid-data li d-deċiżjoni tingħata bil-miftuħ."*

Mill-atti jirriżulta li d-deċiżjoni ngħatat ġewwa ċ-Centru tal-Arbitraġġ fis-26 ta' Novembru 2012. Pero' ma jirriżultax li l-partijiet kienu ġew avżati bid-data meta kienet ser tingħata d-deċiżjoni. Madankollu jirriżulta li fit-3 ta' Diċembru 2012 l-appellanti ġiet notifikata bil-lodo (ara dokument A a fol. 51 u t-tieni pagna tal-atti tal-arbitraġġ). Għalhekk żgur li minn dakinhar beda jiddekorri t-terminu tal-appell. L-appell ġie ppreżentat fid-19 ta' Diċembru 2012. Peress li l-ħmistax il-gurnata skadew fit-18 ta' Diċembru 2012 f'ġurnata li kienet it-Tlieta, jfisser li l-appell ġie ppreżentat wara li kien skada t-terminu kontemplat fl-Artikolu 70B tal-Kap. 387. Hu mmaterjali b'kemm il-ġurnata kien skada t-terminu ta' ħmistax-il gurnata.

Kif osservat din il-qorti:-

*"Innegabilment, it-termini għall-appell minn sentenzi, kemm taħt il-liġi ritwali ordinarja, kif ukoll taħt il-liġijiet speċjali, jiddekorru għal fatt materjali tat-trapass taż-żmien. Huma termini perentorji u dwarhom, di regola, m'hemmx possibilita` la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interruzzjoni, jekk mhux fil-każijiet eċċezzjonalment mil-liġi previsti. Ad eżempju, fejn il-ġurnata tal-iskadenza tat-terminu taħbat nhar ta' Sibt jew il-Ħadd jew xi ġurnata festiva. Din in-natura nderogabbli tat-termini proċesswali ġġib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistgħux jiġu applikati provdimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke id-dekors inutli tagħhom ma jkunux imputabbli lill-parti nteressata. Dan għall-motiv illi dik l-improrogabilita' hi hekk neċessarja għal raġuni ta' ċertezza u, wkoll, t'uniformita`. Sewwa ħafna ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili u f'liġijiet oħra speċjali li jirregolaw il-kondotta tal-proċeduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistgħux jiġu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula"* (**Giuseppina Caruana -vs- Charles Psaila,** Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), 21 ta' Marzu 1997);

*"Huwa evidenti illi t-terminu utli għal liema jirreferi l-Artikolu 14(9) tal-Att imsemmi ma ġiex f'dan il-każ rispettat ad unguem, u l-appell ikollu allura jitqies*

[1] Fit-test Ingliż: *"receipt of the final award"*.

*irremedjabilment irritwali. Huwa veru li ż-żmien ġie oltrepassat b'ġurnata imma, kif ukoll ritenut, "of course the fact that the delay was only of one day cannot unfortunately for the appellant help him* ***(A. B. -vs- Commissioner of Inland Revenue****, Każ. Numru 85, Appell, 05.03.1971 u* ***Joseph Camilleri -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni****, Appell, 09.05.2007)."*[2]

Ġialadarba r-rikors tal-appell ma ġiex ippreżentat fit-terminu kontemplat mill-liġi, l-appell li pproponiet Heritage Malta hu null.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-appellata li l-appell ta' Heritage Malta hu null għaliex preżentat fuori termine. Spejjeż a karigu tal-appellanti**.

Imhallef Anthony Ellul.

---

[2] **Salina Wharf Marketing Limited v Malta Tourism Authority** - 12.12.2007 (Per Imħallef Philip Sciberras).